**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 5 ta' Frar 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**John Micallef**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri tat-28 ta' Novembru 2023 li bih ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn esponiet:

    1. Illi bis-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2019 kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' John Micallef, detentur tal-karta tal-identita numru 413263(M), residenti gewwa l-fond 168, ta' Gamri Court, Flat 2 Triq Stiefnu Zerafa, il-Gharghur.

    2. Illi John Micallef naqas milli jzomm ruhu f'kuntatt mal-Ufficju u l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi moghtija lilu.

3. Illi huwa naqas milli jimpenja ruhu sabiex iwettaq is-sighat ta' xoghol imposti fuqu minn din il-Qorti

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi ir-rikorrenti hassitha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghal dan il-fatt, biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa u opportuni.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, u rat li d-difiza naqset li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet risponsiva fit-terminu lilha prefiss.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. B'sentenza tal-4 ta' Dicembru 2019, din il-Qorti kif preseduta sabet lid-denunzjat hati ta' reati relatati ma' frodi kif ukoll illi huwa recidiv, u poggiet lid-denunzjat taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin, kif ukoll poggietu taht ordni ta' trattament ghal perjodu ta' tlett (3) snin u ordnatlu sabiex iwettaq mitejn (200) siegha ta' xoghol fil-komunita.

7. Din id-denunzja giet ipprezentata fit-28 ta' Novembru 2022, u cioe ftit granet qabel kien se jiskadi l-perjodu ta' l-Ordni ta' Probation u l-perjodu li fih kellu jwettaq mitejn (200) siegha xoghol fil-komunita.

8. Fin-nota taghha tat-28 ta' Novembru 2022, u fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-Ufficjal tal-Probation spjegat illi ghalkemm l-andament tad-denunzjat kien sodisfacenti ghall-ewwel, dan iddeterjora maz-zmien, fejn fost l-ohrajn siefer minghajr ma talab l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti u lanqas ma informa lilha. Izjed ricentement qata' ghal kollox il-kuntatt minn mal-Ufficjal tal-Probation u ghazel li ma jattendix iktar ghall-appuntamenti moghtija lilu, minkejja diversi tentattivi sabiex jigi ikkuntatjat fosthom permezz ta' telefonati, ittri u anke permezz tal-applikazzjoni WhatsApp.

9. In oltre, l-Ufficjal tal-Probation xehdet ukoll li d-denunzjat naqas milli jottempra ruhu mal-kundizzjonijiet impsoti fuqu fir-rigward xoghol fil-komunita, peress li wettaq biss total ta' tlieta u hamsin siegha u nofs ta' xoghol mill-mitejn imposti fuqu. Id-denunzjat

hadem l-ewwel sitt sighat gewwa l-Fondazzjoni Wens, izda nuqqas ta' qbil abbazi ta' attitudni wasslet sabiex jinstab post alternattiv fejn ikompli jitwettaq ix-xoghol. Huwa wettaq wiehed u erghin siegha u nofs ohra fi hdan il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar fi spazju ta' tliet xhur. Huwa attenda ghall-ahhar darba fi Frar 2022. L-Ufficjal tal-Probation qalet li n-nuqqas ta' impenn u koperazzjoni wassal sabiex s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali informaha li ma jhossx iktar htiega tas-servizzi tieghu.

10. Fix-xhieda tieghu d-denunzjat innega li hu ma zammx kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation u li siefer minghajr ma infurmaha. Rigward ix-xoghol fil-kommunita, huwa qal li l-persuna responsabbli mill-Fondazzjoni ta' Dar il-Wens ha ghalieh ghaliex qabdu biex jaghmel xoghol ta' electrician, u hu irrifjuta, ghax ma kienx kwalifikat biex jaghmel dan ix-xoghol. Min-naha l-ohra huwa qal li ghamel hafna iktar sieghat ta' xoghol mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar milli indikat fl-attendance sheet, ghax kien hemm okkazzjonijiet fejn jigi ordnat jaghmel xoghol il-boghod mill-ufficcju tal-Kunsill, u ma kienx jilhaq jiffirma. Pero jammetti li hu ma ghamilx is-sieghat ta' xoghol kollha preskritti. Hu jghid li fl-ahhar sena ma kellux hin jaghmel dan minhabba impenji x-xoghol tieghu personali.

11. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezistazzjoni tghid li hi ma ssibx ix-xhieda tad-denunzjat kredibbli. Mill-provi jirrizulta li d-denunzjat kien bidel l-indirizz tar-residenza tieghu u naqas milli jinforma lill-Ufficjal tal-Probation b'dan il-fatt. Kif jirrizulta mill-atti, il-Pulizija kellha problema biex tinnotifika lid-denunzjat b'din id-denunzja, ghax meta marret biex taghmel in-notifika fl-indirizz il-Gharghur moghti lilha mill-Ufficjal tal-Probation giet infurmata li d-denunzjat ma kienx ghadu jghix f'dak l-indirizz, u eventwalment huwa gie rintraccat f'indirizz gewwa n-Naxxar.

12. Rigward is-safar, ghalkemm d-denunzjat qal li hu ta kopja tal-biljetti tas-safar lill-Ufficjal tal-Probation, huwa naqas li jressaq xi prova indipendenti ta' dan il-fatt. Fi kwalunkwe kaz, il-fatt ammess minnu li huwa siefer, ifisser li huwa kiser l-Ordni tal-Probation, ghax kif jirrizulta mill-atti ta' dan il-process huwa qatt ma intavola xi rikors sabiex din il-Qorti tawtorizzah li jsiefer, kif kien obbligat li jaghmel taht l-Ordni ta' Probation.

13. In oltre apparti li d-denunzjat ma ressaq l-ebda prova indipendenti sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tieghu li huwa baqa' f'kuntatt kontinwu mal-Ufficjal tal-Probation, fix-xhieda tieghu huwa jinsisti li fl-ahhar xhur qabel skadiet l-Ordni ta' Probation kien

hadem hinijiet ta' xoghol twal principalment f'Dar il-Meditteran, liema xoghol kien qed jimpeduh milli jkollu cans ghal affarijiet ohra. Ghal Qorti dan ifisser, li d-denunzjat lanqas kellu hin izomm kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation.

14. Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li mill-provi irrizulta minghajr dubbju deddat mir-raguni li d-denunzjat naqas li jzomm f'kuntat mal-Ufficjali tal-Probation kif kien obbligat li jaghmel.

15. Rigward ix-xoghol fil-kommunita, mill-attendance sheet ta' Fondazzjoni Wens jirrizulta li d-denunzjat attenda darbtejn ghal perjodu ta' tlett sieghat kull darba, u coe fl-10 ta' Ottubru 2020 u mbaghad fil-25 ta' Frar 2021. Fix-xhieda tieghu, id-denunzjat jghid li hu mar hemm ghal iktar drabi, fi tlett postijiet differenti, pero imbaghad naqas li jressaq xi prova indipendenti biex juri kemm-il darba effettivament mar. Huwa jallega li gie mqabbad jaghmel xoghol tal-elettriku li ma kienx ikkwalifikat li jaghmel, u xoghol perikoluz iehor u hu kien jibghat ir-ritratti u l-ilmenti tieghu lill-Ufficjal tal-Probation, izda imbaghad huwa naqas li jipprezenta dawn ir-ritratti u kopja tal-ilmenti tieghu f'dawn il-proceduri.

16. Fix-xhieda tieghu, d-denunzjat jghid li Ronald Galea, ic-Chief Executive Officer tal-Fondazzjoni Wens, waqqfu milli jkompli jahdem ghax kien urtat li d-denunzjat irrifjuta li jaghmel xoghol ta' electrician, stante li ma kellux licenzja biex jaghmel dan. Id-denunzjat ma ressaq l-ebda prova indipendenti biex jikkorrobora din l-allegazzjoni tieghu. In oltre, din l-allegazzjoni ma hi bl-ebda mod komfortata mix-xhieda ta' Ronald Galea, li xehed d-denunzjat kien mar tlett darbiet biex jahdem mal-Fondazzjoni, pero hu ma nizzilex it-tielet darba fit-timesheet ghax meta mar fuq il-post, gie infurmat li d-denunzjat ma kienx fuq il-post tax-xoghol fejn kellu jahdem, u haddiema ohra qalulu li d-denunzjat ma kien ghamel l-ebda xoghol dak-in-nhar.

17. Minn skambju ta' WhatsApp chats ezebiti minn Ronald Galea jirrizulta li d-denunzjat ried li jaghmel ix-xoghol fil-kommunita *a modo suo*. Minn dawn ic-chats jirrizulta li kien effettivament Ronald Galea li baghat messagg lid-denunzjat fis-16 ta' Jannar 2021 biex icempillu. Fl-1 ta' Marzu 2022 fl-10:47am, id-denunzjat baghatlu messagg li ma kienx ser jilhaq jigi dak-in-nhar, u li kien sejjer xoghol l-ghada. Fl-10 ta' Marzu 2021, id-denunzjat infurmah li kien ser jattendi x-xoghol fil-15 ta' Marzu stess, *"minhabba affarijiet personali"* u li kien ser ikun hemm fis-7am. Pero fil-15 ta' Marzu 2021, id-

denunzjat rega' baghat messagg lil Ronald Galea fit-8.22am fejn qallu *"Jien qieghed on the way"* Ghalhekk, id-denunzjat informa lil Ronald Galea li kien ser jasal tard siegha u tnejn u ghoxrin minuta wara l-hin li fih li kellu jibda jahdem. Dan juri li d-denunzjat ma kienx qed jiehu bis-serjeta l-obbligu tieghu li jaghmel xoghol fil-kommunita. Fil-fatt dak in-nhar stess fil-ghaxija Ronald Galea infurmah li kien qal lill-Ufficjal tal-Probation li ma setghax jahdem mieghu.

18. Rigward ix-xoghol li kien jaghmel mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, id-denunzjat qal li meta kien jaghmel xoghol il-boghod mill-ufficju ma kienx ilahhaq imur lura l-ufficju biex jiffirma l-attendance sheet. Pero meta din il-Qorti staqsietu jekk hu kienx izomm rendikont tas-sieghat li kien qed jahdem – anke in vista tad-diffikultajiet li hu jallega li kien jiskontra biex jiffirma – d-denunzjat wiegeb fin-negattiv.

19. Id-denunzjat jghid li mbaghad kien imhabbat hafna bix-xoghol tieghu personali, u seta' jaghmel ix-xoghol fil-kommunita biss fil-gurnata tas-Sibt. Meta gie mistoqsi f'hix jikkonsisti x-xoghol tieghu, huwa wiegeb li x-xoghol tieghu kien fil-maintenance – tibjid, tikhil u li jkun hemm bzonn jaghmlu. Sussegwentement huwa qal li gie impjegat ma' Dar il-Mediterran biex jassisti waqt il-konferenzi u t-tigijiet. Huwa jghid li kien jahdem mill-hamsa ta' fil-ghodu sad-disa' ta' bil-lejl u gieli sas-siegha ta' fil-ghodu. Pero d-denunzjat naqas li jressaq l-icken prova indipendenti ta' dan l-allegat impjieg li jghid li kellu ma' Dar il-Mediterran.

20. F'punt minnhom fix-xhieda tieghu, id-denunzjat jghid ukoll li ghamel xahar kors l-airport – pero ghal darb'ohra naqas li jipprezenta xi prova indipendenti ta' dan, jew jforni dettalji ohra ta' dan il-kors.

21. Fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-opinjoni li gie ippruvat lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li d-denunzjat naqas li jottempera ruhu mal-Ordni ta' Probation, kif ukoll naqas li jwettaq mitejn (200) siegha xoghol fil-komunita kif kien obbligat li jaghmel. Kif sewwa osserva l-Ufficjal Prosekutur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, kieku d-denunzjat ghamel biss siegha u nofs xoghol fil-gimgha, ukoll kien ikun altru milli bizzejjed biex jirnexxielu jwettaq is-sieghat kollha ta' xoghol li kien obbligat li jaghmel.

22. Il-Qorti tosserva li fis-sentenza taghha tal-4 ta' Dicembru 2019, hija kien tat opportunita lid-denunzjat sabiex minkejja r-reati li kkommetta, u l-kondotta raffettarja tieghu, huwa

jirriforma ruhu, u fl-istess hin jaghti xi haga lura lis-socjeta. Mill-provi prodotti jidher car li matul dawk it-tlett snin id-denunzjat sab hin ghal kollox hlief biex juzufruwixxi mill-opportunita li tatu din il-Qorti, u jottempera ruhu ma' dak li gie ordnat lilu li jaghmel fis-sentenza.

23. Tenut kont li n-nuqqasijiet tad-denunzjat kienu serji hafna, il-Qorti hija tal-opinjoni li hi ghandha titratta mad-denunzjat ghar-reati li taghhom instab hati fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2019. Fil-kaz odjern, il-piena tista tkun biss wahda ta' habs effettiv, stante li d-denunzjat instab hati li hu recidiv, u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti ma tistax teroga sentenza sospiza. Min-naha l-ohra, is-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[1] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata.

24. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li d-denunzjat irrifonda lill-partijiet offizi l-flus li hadilhom bejn l-ewwel u t-tieni seduta f'dawk il-proceduri. Huwa irregistra wkoll ammissjoni bikrija, u b'hekk ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-Pulizija.

**Konkluzjoni**

25. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lid-denunzjat hati li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u Servizz imposti fuqu bis-sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, tal-4 ta' Dicembru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Micallef**, u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li

[1] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*
L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

2. Ghaldaqstant, filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2019, din il-Qorti tirrevoka l-Ordni ta' Probation u Servizz u l-Ordni ta' Trattament maghmula bis-sentenza msemmija, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni stante li l-kwerela giet irtirata mill-parte civile fil-mori ta' dawk il-proceduri, wara li rat l-Artikoli 18, 308, 310(1)(a), 309, 338(g), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 19(1) u 24(1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lid-denunzjat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena ta' tletin (30) xahar prigunerija u multa ta' mitejn Euro (€200).

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**